**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Jannar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 243/2014 AF**

**Alfred u Maria Lourdes konjugi Farrugia**

**vs**

**Michael u Lucienne konjugi Delia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Alfred u Maria Lourdes konjugi Farrugia li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimati flimkien u solidalment bejniethom huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija hamsa u sebghin Ewro (Euro24,575) bilanc ta' somma akbar dovut skond il-kuntratt tal-erbatax (14) ta' Ottubru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) fl-atti tan-Nutar Dottor Nathalie Pace Asciak li qed jigi hawn anness u mmarakat bhala Dok. AMF1.

L-intimati qeghidn jirrifjutaw illi jhallsu d-dejn taghhom fuq msemmi u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lill-intimati flimkien u solidalment bejniethom jhallsu r-rikorrenti s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija hamsa u sebghin Ewro (Euro24,575).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru 372/14 u bl-imghaxijiet kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rad id-dokument anness.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, Michael Delia u Lucienne Delia ma ressqu ebda twegiba ghall-kawza. Lanqas ma ressqu sottomissjonijiet finali minkejja li gew awtorizzati jaghmlu dan.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-istess rikorrenti somma ta' €24,575 li taghha huma kkostitwew ruhhom debituri permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Nathalie Pace Axiak. L-intimati ma wiegbux ghall-kawza.

Ikkunsidrat illi huwa ben maghruf u stabbilit fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja ta' konvenut ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talba. Jibqa' dejjem jinkombi fuq l-attur li jipprova t-talba tieghu sal-grad rikjest mill-ligi.

Fil-kaz in ezami, l-atturi ssodisfaw dan l-oneru, kemm permezz tal-gurament ta' Alfred Farrugia stess kif ukoll permezz tal-esibizzjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu esibit.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Alfred u Maria Lourdes Farrugia u tikkundanna lil Michael Delia u Lucienne Delia in solidum bejniethom ihallsu lil Alfred u Maria Lourdes Farrugia s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf hames mija hamsa u sebghin Ewro (Euro24,575) bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Michael u Lucienne konjugi Delia.

IMHALLEF

DEP/REG